MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 202/2009

Kawza fil-lista: 39

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' April, 1998.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’ mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.

Rat li l-konvenut ma pprezentax risposta guramentata izda prezenta nota li biha ddikjara li jaqbel li z-zwieg tieghu ma’ l-attrici huwa null;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-20 ta’ April 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][g] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Marokkina, izzewwget lill-konvenut, cittadin Malti, fl-20 ta’ April 1998, meta allura hi kellha 21 sena u l-konvenut kellu 22 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien sitt xhur. Wara konvivenza ta’ circa hdax-il sena l-partijiet isseparaw.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tispjega li meta hija kienet iltaqghet mal-konvenut u bdew johorgu flimkien, il-familjari taghha kienu ghamlu pressjoni fuqha sabiex tizzewweg peress li r-religjon musulman, imhaddan minnhom, kien kontra gherusija fit-tul.

Tghid li fiz-zwieg il-konvenut qatt ma hadem, u li kienet hi li kienet tahdem biex ikollha biex tghix hi u anke l-konvenut. Wara circa tlett xhur miz-zwieg, l-attrici skopriet li l-konvenut kien jabbuza mid-droga eroina u kellu diversi kazijiet quddiem il-qrati kriminali.  Di fatti, hija kienet saret taf b’ dan, meta l-konvenut kien dahal il-habs ghal certu zmien.

Hija tghid li l-paga taghha kienet tghaddhielu kollha, filwaqt li hu qatt ma gab flus id-dar. Inoltre, hu ma kien jaghmel xejn fiz-zwieg u ma refa’ ebda responsabbilita’, ghajr li johdilha l-flus. Il-konvenut kien egojist, u dan kien rifless ukoll fir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom.

Tghid li, wara li l-konvenut hareg mill-habs hija riedet li jkollha t-tfal, izda l-konvenut ma riedx, u kien f’ dan l-istadju li kien qallha li gja kellu tifla minn mara ohra qabel iz-zwieg.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jikkonferma sostanzjalment il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici. Huwa jammetta li kellu l-problema tad-droga [erojina] u li kellu hafna kawza fil-qrati sa mis-sena 1989. Jikkonferma li huwa kien heba dan il-fatt mill-attrici qabel iz-zwieg. Jghid ukoll li fiz-zwieg huwa ma kienx jahdem u kien jiehu l-flus ta' l-attrici minhabba l-vizzju li kellu. Il-konvenut jikkonferma wkoll il-fatt li, qabel iz-zwieg, hu ma kienx qal lill-attrici li kellu tifla minn mara ohra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fil-kaz in dizamina l-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li rrizulta car u manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens tieghu huwa kien fi stat inkapaci li jassumi l-obbligi tal-hajja konjugali, naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Il-konvenut izzewweg lill-attrici bl-iskop uniku li jakkwista l-flus ghad-droga. Fi kliemu: “Ghax lili kienet ittini l-flus, u jien bdejt nghaggel maghha, u qbadt u zzewwigtha.”

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-20 ta' April 1998.

L-ispejjez ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------